# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IL- GIMGHA 22 TA’ FRAR 2002

**Numru 33**

**Avviz numru 695/01DM**

**John Cordina ezercitanti l-kummerc taht l-isem Caffe Cordina**

**vs**

**Priceclub Operators Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, tliet mija u hdax-il lira maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm2311.95) rapprezentanti l-prezz ta’ diversi konsenji ta’ merkanzija mibjugha u konsenjati lis-socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ Qbid kawtelatorju li gie ntavolat kontestwalment mal-avviz u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet illi:

1 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li t-talba ta' hlas fl-ammont ta' elfejn tlett mija u hdax l-lira maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm2311.95) hija eccessiva;

2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ghas-subizzjoni, ma dehrux sabiex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni nonostante li kienu pprezentaw in-nota tal-eccezzjonijiet in kontestazzjoni tat-talba attrici.

Billi l-konvenuti ghalhekk ma rrispondewx ghad-domandi in subizzjoni; it-talba attrici tirrizulta gustifikata u ghandha tigi kkonfermata;

U ghaldastant il-Qorti qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma mitlub ta' elfejn tliet mija u hdax-il lira Maltin u hamsa u disghin centezmi (Lm2311.95c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Magistrat

A. Farrugia
Dep.Reg.

va